TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/223/11/S

Hermione u Jean Claude Bugeja
Vs
Carmelo Gauci

Illum 5 t'Ottubru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Hermione u Jean Claude Bugeja datata 2 ta'Mejju,2011 filwaqt li Carmelo Gauci, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghal xi seduta quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-atturi u t-trattazzjoni taghhom maghmula fid-19 ta'Gunju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegat xoghol hazin t'applikazzjoni ta' prodott ghal kontra l-moffa;

Illi jinghad mal-ewwel li l-konvenut Carmelo Gauci naqas milli jwiegeb ghat-talba tal-atturi Hermione u Jean Claude Bugeja u lanqas deher ghal xi seduta quddiem dan it-Tribunal;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik tal-atturi li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-konvenut;

Illi l-atturi pprezentaw dokumentazzjoni dwar dak minnhom imhallas lill-konvenut pero ipprezentaw biss stima minghajr isem jew informazzjoni ta' xi socjeta, liema stima mhijiex qed tittiehed in kunsiderazzjoni minn dan it-Tribunal;

Illi fl-ahhar okkazjoni l-attrici xehdet illi hadet lil huha li ghandu esperjenza fil-hjata, li ukoll ikkonferma bil-gurament tieghu li l-alterazzjonijiet ma sarux skont is-sengha;

Illi x-xhieda mismugha mit-Tribunal u l-provi li tressqu, jikkonfermaw dak li qed jitolbu l-atturi u cioe t-talba li jiehdu l-flus li hallsu lura kif ukoll somma biex jitranga x-xoghol hazin maghmul mill-konvenut;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Hermione u Jean Claude Bugeja u Jordna lil Carmelo Gauci ihallas lill-atturi s-somma ta' €3300 flimkien ma' €100 spejjez stabbiliti minn dan it-Tribunal biex jitranga x-xoghol maghmul hazin mill-konvenut, bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess Carmelo Gauci.

Richard Sladden Av.
Arbitru